

IT-TRIBUNAL GHAS-SERVIZZ PUBBLIKU

Rikors ippreżentat fl-4 ta' Ottubru 2013 — ZZ et vs EEAS

(Kawża F-100/13)

(2014/C 45/85)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: ZZ et (rappreżentanti: T. Bontinck u A. Guillerme, avukati)

Konvenut: Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna

Suġġett

Annnullament tad-deċiżjoni tal-EEAS li, mill-1 ta' Jannar 2014, ma jibqax iħallas l-allowance tal-kundizzjonijiet tal-ħajja lill-uffiċjali assenjati fl-Arġentina, fiċ-Ċili, fiċ-Ċina (Hong Kong), fil-Ġappun, fil-Malasja, f'Singapor u fit-Tajwan.

Talbiet tar-rikorrenti

- jannulla d-Deċiżjoni MDR/C6/(2012) tal-EEAS, tad-19 ta' Diċembru 2012, li permezz tagħha l-Awtorità tal-Hatrat d-deċidiet li tneħħi l-allowance tal-kundizzjonijiet tal-ħajja għal membri tal-persunal ibbażati fid-delegazzjonijiet u fl-uffiċċi tal-UE fl-Argentīna, fiċ-Ċina (Hong Kong), fiċ-Ċili, fil-Ġappun, fil-Malasja, f'Singapor u fit-Tajwan;
- konsegwentement, jordna l-ħlas tal-allowances tal-kundizzjonijiet tal-ħajja b'rata ta' 15 % mill-1 ta' Jannar 2014;
- jikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fil-25 ta' Ottubru 2013 — ZZ vs FRA

(Kawża F-106/13)

(2014/C 45/86)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: ZZ (rappreżentanti: L. Levi u M. Vandenbussche, avukati)

Konvenuta: L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA)

Suġġett

Annnullament tad-deċiżjoni tad-Direttur tal-FRA li timponi sanżjoni dixxiplinarja fil-forma ta' twissija fuq ir-rikorrent.

Talbiet tar-rikorrent

- jannulla d-deċiżjoni tad-Direttur tal-FRA, tal-20 ta' Frar 2013, li tagħti twissija u, jekk meħtieġ, id-deċiżjoni tat-22 ta' Frar 2013 li tikkonferma t-twissija bil-miktub;
- jekk meħtieġ, jannulla d-deċiżjoni tad-Direttur tal-FRA tas-17 ta' Lulju 2013, riċevuta fit-18 ta' Lulju 2013, li tiċħad l-ilment;
- jaġhti lir-rikorrent kumpens xieraq għad-dannu morali kkawżat bl-illegalità serja u bl-irregolarità tal-investigazzjoni amministrativa u tad-deċiżjoni li tingħata twissija. Dan id-dannu morali huwa evalwat *ex aequo et bono* fl-ammont ta' EUR 15 000;
- jikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fit-30 ta' Novembru 2013 — ZZ vs Il-Kumissjoni

(Kawża F-116/13)

(2014/C 45/87)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: ZZ (rappreżentant: S. Orlandi, avukat)

Konvenuta: Il-Kumissjoni Ewropea

Suġġett u deskriżzjoni tal-kawża

Annnullament tad-deċiżjoni dwar it-trasferiment ta' drittijiet għal pensjoni tar-rikorrent fl-iskema tal-pensjoni tal-Unjoni li tapp-likha d-DGI l-ġoddha dwar l-Artikoli 11 u 12 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal.